Dokumenti pubblici

Malta

L-Artikolu 24(1)(a) - lingwi aċċettati mill-Istat Membru għad-dokumenti pubblici biex jiġu ppreżentati lill-awtoritajiet tiegħu skont il-punt (a) tal-Artikolu 6(1)

Il-lingwi aċċettati minn Malta huma l-Malti u l-Ingliz

L-Artikolu 24(1)(b) - lista indikattiva ta' dokumenti pubblici li jaqgħu fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament

Il-lista indikattiva ta' dokumenti pubblici li jaqgħu fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament huma ċ-Ċertifikat tat-Twelid, Ċertifikat tal-Istat Ċivili, Ċertifikat taz-Zwieġ, Ċertifikat ta' Unjoni Ċivili, Ċertifikat tal-Mewt u Ċertifikat ta' Kondotta.

L-Artikolu 24(1)(c) - il-lista ta' dokumenti pubblici li magħhom jistgħu jiġu mehmuża l-formoli standard multilingwi bħala għajnuna adatta għat-traduzzjoni

Id-dokumenti pubblici li magħhom jistgħu jiġu mehmuza l-formoli standard multilingwali bħala għajnuna adatta għat-traduzzjoni huma ċ-Ċertifikat tat-Twelid, Ċertifikat tal-Istat Ċivili, Ċertifikat taz-Zwieġ, Ċertifikat ta' Unjoni Ċivili, Ċertifikat tal-Mewt u Ċertifikat ta' Kondotta. Il-kapaċita' li tidħol għaz-zwieġ u l-kapaċita' li tidħol f'unjoni ċivili huma l-istess dokument. Dan jissejjaħ Ċertifikat tal-Istat Ċivili.

L-Artikolu 24(1)(d) - il-listi ta' persuni kkwalifikati, f'konformità mal-liġi nazzjonali, biex iwettqu traduzzjonijiet iċċertifikati, meta tali listi jkunu jeżistu

Malta ma tirrikonoxxix tradutturi bħala professjonisti bil-warrant, għalhekk Malta m'għandhiex lista ta' persuni kwalifikati biex iwettqu traduzzjonijiet iċċertifikati. Fin-nuqqas ta' qafas legali għal tradutturi, il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej (MFEU) għandu sistema ta' reġistrazzjoni ta' firem ta' persuni li jwettqu traduzzjonijiet. Din id-database ta' firem m'hijiex għall-uzu pubbliku imma biss għall-MFEU sabiex jikkonferma u jqabbel il-firem ta' persuni li jwettqu traduzzjonijiet. Iktar informazzjoni tista' tinkiseb minn: https://foreignaffairs.gov.mt/en/Pages/Authentication-of-Documents.aspx

Il-Ministeru għall-Ġustizzja, L-Ugwaljanza u l-Governanza wkoll għandu lista ta' interpreti u persuni li jwettqu traduzzjonijiet ippublikata fuq https://justice.gov.mt/en/COJ/Pages/Interpreters_and_Translators.aspx li tista' tintuza bħala referenza.

L-Artikolu 24(1)(e) - lista indikattiva ta' tipi ta' awtoritajiet awtorizzati mil-liġi nazzjonali sabiex jagħmlu kopji ċċertifikati

B'mod ġenerali hija prattika li avukati/nutara jagħmlu kopji ta' dokumenti pubblici bħala kopji ċċertifikati ta' dokumenti pubblici oriġinali. Huwa fid-diskrezzjoni tal-entita' li titlob dawn id-dokumenti li tiddeċiedi jekk taċċettax kopji jew le. Kopji ċċertifikati ta' dokumenti pubblici oħrajn jistgħu jinħarġu wkoll mill-Qrati tal-Ġustizzja.

L-Artikolu 24(1)(f) - informazzjoni dwar il-mezzi li bihom traduzzjonijiet iċċertifikati u kopji ċċertifikati jistgħu jiġu identifikati

Kopji ċċertifikati ta' dokumenti pubblici oħrajn normalment jinkludu dikjarazzjoni li tixhed li d-dokument huwa kopja ċċertifikata, t-timbru u l-firma tal-persuna awtorizzata li toħroġ kopja ċċertifikata. Traduzzjonijiet iċċertifikati jkollhom id-data, il-firma u t-timbru tat-traduttur.

L-Artikolu 24(1)(g) - informazzjoni dwar il-karatteristiċi speċifiċi tal-kopji ċċertifikati

Kopji ċċertifikati ta' dokumenti pubblici oħrajn normalment jinkludu dikjarazzjoni li tixhed li d-dokument huwa kopja ċċertifikata, timbru u firma tal-persuna awtorizzata li toħroġ kopja ċċertifikata.

L-aħħar aġġornament: 27/03/2023

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.